MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 109/2014

**B L**

**vs**

**G X**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors mahluf tal-attrici li jaqra kif gej:-

Illi l-esponenti kellha wild l-isem ta' R li twieled nhar is-7 ta' Jannar 2008 u dan minn relazzjoni li hija kellha mall-intimat G X. Il-minuri llum ghandu 6 snin.

Illi ir-relazzioni ta' bejn il-partijiet spiccat u jehtieg illi tigi regolata l-posizzjoni dwar il-kura u kustodja, access u manteniment tal-minuri u dan in vista tal-fatt illi l-missier qieghed jinjora kompletament l-obbligi tieghu lejn ibnu kif ukoll ghaliex l-imgieba tieghu hijia tali li qed tkun detrimentali ghall-ahjar interess tal-minuri.

Illi peress illi l-intimat injora kompletament il-process ta' medjazzjoni, l-esponenti giet awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti b' digriet tal-14 ta' April 2014 sabiex tipprocedi b' din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Takkorda u tordna illi l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri R X ghandha tkun vestita interament u esklussivament fir-rikorrenti;

Tiffissa retta alimentari pagabbbli mill-intimat lir-rikorrenti bhala manteniment ghall-minuri;

Tikkundanna lill-istess intimat jibda jhallas dik is-somma hekk stabbilita skond it-tieni talba u dan oltre l-ispejjez edukattivi u ta' sahha tal-istess minuri;

Bl-ispejjez u bl-intimat ingunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut nonostante li kien debitament notifikat, naqas milli jipprezenta risposta guramentata u ghalhekk hu kontumaci.

Rat in-nota tal-attrici tas-27 ta’ Jannar 2015 li permezz taghha irtirat it-tieni u t-tielet talba attrici, minghajr pregudizzju, wara li fl-udjenza tal-25 ta’ Novembru 2014 kienet iddikjarat li

ser tirregola ruhha dwar it-talbiet ghall-manteniment peress li kien jidher li l-konvenut ma kienx f'posizzjoni li jhallas manteniment.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi.**

L-attrici xehdet bil-mezz tal-affidavit. Hija spjegat illi l-konvenut ma ried ikollu l-ebda sehem fit-trobbija tal-minuri sa mill-jum tat-twelid tieghu. L-attrici irreferiet ghat-trobbija difficli tal-konvenut u kif din kellha influwenza fuq il-karattru tieghu:

*"Nixtieq nispjega illi G kellu trobbija difficli hafna b' ommu tbati mill-alkolizmu ghall-snin twal u tabbuza minn kalmanti u medicini ohra depresivi, filwaqt li missieru kien bicca l-kbira assenti mill-hajja tal-familja taghhom u kien forsi ghalhekk illi jien kont naghlaq ghajnejjha ghall-imgieba hazina ta' G, izda meta fl-ahhar indunajt illi minkejja li jien kont lesta li nghinu huwa kien jirrifjuta li jiehu tali ghajnuna u li jinsisti fuq il-hajja xelerata li kien qabad minkejja illi issa kien sar missier, allura hemm hekk qtajt qalbi darba ghal dejjem u ghalhekk jien kont tlaqt mid-dar tal-genituri tieghu u rritronajt lura mal-familja tieghi fejn ghadni sal-gurnata ta' llum.*

*Illum R ghandu sitt snin kwazi sebgha, u minn meta tlaqt mid-dar ta' G bih sal-gurnata prezenti, G qatt ma' involva ruhu mqar bl-icken mod fil-hajja tat-tifel, Huwa issa ilu ma' jarah b' ghajndejh iktar minn hames snin u minkejja li ommu stess [u minkejja d-diffikultajiet taghha stess] ippruvat tikkonvincih sabiex huwa jibda jinvolvi ruhu f'hajjet ibnu, dan kollu ma' sewa' xejn u kollox baqa kif kien, bil-minuri R jigi mrobbi u edukat esklussivament minni u minn ommi Anna L li llum hija armla minn missieri. M' hemmx ghalfejn nghid illi ovvjament G qatt ma' hallas xelin bhala manteniment ghall-ibnu u wisq anqas qatt ma' kkontribwixxa b' xi mod ikun xi jkun ghall-edukazzjoni tieghu jew ghall-kura medika meta qatt kien hemm bzonn. Din is-sitwazzjoni issa ilha hekk sitt snin circa."*

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

Kunsidrati c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-Qorti hi tal-fehma illi huwa fl-interess suprem tal-minuri li l-kura u kustodja tieghu tigi affidata esklussivament f'idejn ommu l-attrici. L-assenza tal-missier fil-hajja tat-tifel tmur lura prattikament ghall-ewwel jum tat-twelid tal-minuri. Li l-konvenut m'ghandu l-ebda interess lanqas illum li jibni xi rapport ma' ibnu huwa manifest ukoll mill-fatt illi injora kompletament dawn il-proceduri billi la pprezenta risposta guramentata u ma deher ghall-ebda wahda mis-seduti.

Hija ghalhekk il-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-interess suprem tal-minuri jiddetta illi l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi affidata esklussivament f'idejn l-omm.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri R tigi affidata esklussivament f'idejn ommu l-attrici B L.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet talba attrici in vista li gew irtirati, u dan bla pregudizzju ghad-drittijiet tal-attrici fir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------